SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 02/K10/24

Data tal-laqgħa: 9 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
David Caruana – Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando - Kunsillier
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Rita Dimech Portelli - Kunsilliera

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**02.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

02.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tiġi skużata għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**02.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

02.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 01/K10/24.

02.2.02 Iċ-Ċermen staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni però ma kienx hemm.

02.2.03 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

02.2.04 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondah fl-approvazzjoni.

02.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**02.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

02.3.01 L-inawgurazzjoni tal-klinika saret it-Tnejn 8 ta' Lulju 2024 madanakollu din il-klinika ser tibda tiffunzjona min-nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju 2024.

02.3.02 Dwar is-servizz tat-transport għal-anzjani, sar qbil li jiġu mpjegati żewġ persuni bħala xufiera però għandu jitħalla ftit żmien sakemm il-Kunsill jirċievi risposta dwar l-iskema ta' CIES. Il-Kunsilliera ġew mitluba sabiex jekk isibu lil xi ħadd interessat biex jagħti *sponsor* u jsiru riklam mal-karozza, dan għandu jagħmel kuntatt mal-Kunsill.

02.3.03 Il-Kunsill unanimament qabel li għandha nibqgħu bil-proċess tal-appell fir-rigward l-permess tal-awtorità' tal-Ippjanar ta' Villa San Ignatius.

02.3.04 Iċ-Ċermen qal li minħabba l-problema tal-ħamiem li għandha f'San Ġiljan, hu ghandu *meeting* mas-Sur Luke Degiorgio tal-Kumpanija Degiorgio Vassallo Ventures Ltd. Din il-kumpanija qed tipprovdi l-ikel li jwaqqaf il-proċess tar-riproduzzjoni tal-ħamiem.

02.3.05 Dwar il-problema ta' familja partikolari li titma' l-ħamiem ġewwa Triq Albert Mayr ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra lilhom personali biex navżawhom dwar l-inkonvenjent li qed iħallu wara li jitimgħu dawn il-ħamiem. Ġie deċiż li jekk din il-familja wara ġimgħa li tirċievi din l-ittra tibqa tikser il-liġi għandha tinkiteb ittra kemm lill-Pulizija tal-Komunità u lid-Dipartiment tas-Sanita'.

02.3.06 Wara li ċ-Ċermen ressaq il-lista tal-Condominium Managers, il-Kunsillier Carlo Mifsud issuggerixxa li għandha tintbagħat ittra kemm lill *Condominium Managers* li għandu l-Kunsill kif ukoll lill Malta Development Association li hi l-assoċjazzjoni tal-*Condominium*. Fl-istess ħin il-Kunsill ser ikompli jirranġa din il-lista biex kemm jista' jkun tkun *up to date*.

02.3.07 Ġie deċiż li is-Sindku jibda jattendi għal-laqgħat tal-Kumitat tar-Reġjun Lvant u bħala sostitut għandu jibda jattendi l-Viċi Sindku Sean Gauci. Filwaqt li għal Kumitat tat-Town Centre Management (ta' Paceville) ġie maqbul li jibda jattendi s-Sindku u l-Kunsillier Carlo Mifsud.

02.3.08 Il-Kunsill ġie nfurmat li fir-rigward problema tad-drenaġġ tal-Bajja tal-Balluta, għadhom għaddejjin it-testijiet sabiex qed jippruvaw isibu min fejn hi din il-problema u l-Kunsill ser ikollu jagħmel xi xogħolijiet ta' tiswija ħdejn it-*toilets* tal-Balluta. Bħala Kunsill intbagħtet email lill-Ministeru konċernat sabiex tinħareġ stqarrija biex ir-residenti jkunu jafu x'qed jiġri.

02.3.09 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li x-xogħol fuq il-proġett tad-DB ġewwa x-Xatt ta' San Ġorġ inxtara apparat speċjali mill-istess kumpanija li la jagħmel ħoss u lanqas itajjar trab. Biex dan seta' jsir ġew mistiedna Managers mill-Hotels San Ġorġ u l-Corinthia fejn dawn ikkonfermaw li dan il-makkinarju mhux qed ikun ta' inkonvenjent lit-turisti li jkunu qed joqghodu f'dawn il-lukandi. Wara li dan ġie konfermat, il-BCA ħarġet il-permess wara li kellha in-*no objection* mingħand il-Kunsill ta San Ġiljan u ta' Pembroke.

02.3.10 Iċ-Ċermen issuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Ministru tat-Transport, rappreżentant tal-Infrastructure Malta, u rappreżentant tat-Transport Pubbliku sabiex jiġu proposti xi tibdil li jista' jsir sabiex jitnaqqas it-traffiku f'San Ġiljan. Min-naħa tal-Kunsill għandu jattendi ukoll il-Kunsillier Mario Amaira peress li hu responsabbli mill-Infrastruttura. F'din il-laqgħa għandhom jiġu diskussi ukoll il-ħinijiet tal-permessi f'ċerti toroq.

02.3.11 Il-Kunsill ircieva ittra minghand il-Kunsillier Carlo Mifsud fuq diversi punti:

L-ewwel punt hu li ssir *redirection* mill-website tal-Kunsill l-antika għal dik il-ġdida filwaqt li għandha ssir talba lill-amministratur tal-website l-antika sabiex jtina kopja tad-data li hemm qabel tintefa meta jkun ser jispiċċa l-ftehim miegħu.

It-tieni punt fir-rigward it-tibdil tat-traffiku fi Triq Patrick Brydone u Sqaq is-Siġra għalkemm is-Sur Mifsud qabel li din hi tajba però

kellha ssir bil-kontra. Iċ-Ċermen qal li din għalkemm hi xi ħaġa li tista' ssir però rridu nagħtu ftit żmien biex naraw jekk hux neċessarju li dan isir.

It-tielet punt hu li għandhom jitnieħħew l-aħħar żewġ parkeġġi minn Triq Birkirkara quddiem il-propjetà 160, sabiex it-triq tiġi aktar wiesa' u t-traffiku jgħaddi aħjar speċjalment t-transport pubbliku.

Ġie deċiż ukoll li la darba tneħħew it-*traffic lights* minn Triq Birkirkara issa għandhom isiru l-marki tat-toroq skond il-bżonn.

Il-Kunsillier Carlo Mifsud ssuġerixxa li tinbdel l-Emblema tal-Kunsill. Għalhekk l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekja x'tippermetti l-ligi biex dan isir u wara tkun tista' terġa tiġi mressqa din it-talba għad-deċiżjoni tal-Kunsill.

02.3.12 Wara li c-Ċermen ġibed l-attenzjoni dwar proposti li l-Kunsill rċieva fir-rigward Triq Sant 'Anglu, Triq il-Karmnu u t-toroq tal-madwar jiġu *pedestrians* ġie deċiż li għalkemm din hi idea tajba però ma tistax issir minħabba li jekk issir din il-proposta jiżdied it-traffiku go Triq il-Kbira.

02.3.13 Ġie deċiż li għandha tintbagħat email lis-Supretendent tal-Pulizija ta San Giljan sabiex jiġi kkonfermat li fi żmien l-iskola, jkun hemm ċertu toroq magħluqin fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ ta' l-iskola.

02.3.14 Iċ-Ċermen ressaq korrispondenza tas-Sur Lino Spiteri fejn talab li din l-ittra tinqara lill-Kunsilliera. Iċ-Ċermen ta' spjegazzjoni fil-konfront ta dak li nkiteb f'din l-ittra u ġie deċiż li tintbagħat ittra lura lis-Sur Spiteri wara parir tal-Avukat tal-Kunsill.

02.3.15 Tressqet ir-risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-talba mingħand waħda mill-impjegati għal-*qualification allowance*. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal li jibda jingħata il-*qualification allowance* kif ukoll jingħata l-arretrati.

02.3.16 Iċ-Ċermen ressaq għal attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni li ntbaghatet lill Kunsill fir-rigward is-sistema tal-irrigazzjoni għal-Ġnien Saver Zarb. Dan minħabba li kellu jsir xi tibdil mill-pjanti oriġinali kif ukoll jiżdied il-*hedging*. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

02.3.17 Ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza li għaddejja fir-rigward bollards fi Triq Spinola. Ġie deċiż li l-klijent jerga jiġi nfurmat li din it-talba ma ġietx aċċettata mit-Transport Malta u tintbagħat kopja tal-ittra bid-deċiżjoni ta' Transport Malta.

02.3.18 Fir-rigward iċ-ċirkulari li l-Kunsill rċieva dwar l-applikazzjoni għal-Kunsilli Lokali tat tfal, ġie deċiż li din tiġi mtella fuq *Facebook*, l-poster jiġi pprintjat fuq paġna A3 kif mitlub, tintbagħat lill-iskejjel u għaqdiet oħra fil-lokalita'.

02.3.19 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsilll korrispondenza b'talba sabiex jitwaħħal fustun bid-dawl mad-dawra tal-baħar. Ġie deċiż li tingħata l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) għal dan il-fustun.

02.3.20 Fir-rigward l-attività ta' Għawdex li ser tiġi organizzata mill-Għaqda Dilettanti Knisja ta Lapsi, ġie deċiż li l-Kunsill iħallas it-transport minn San Ġiljan saċ-Ċirkewwa u lura.

02.3.21 Il-Membri preżenti ġew nfurmati li ntalbet laqgħa mir-Regjun Lvant dwar Wied Għomor Valley li ser issir nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju 2024. Minħabba li s-Sindku, l-Kunsillier responabbli u s-Segretarju ma jistgħux jattendu, ser tkun qed tattendi waħda mill-impjegati.

02.3.22 Ic-Cermen semma li ftit xhur ilu sar il-*launching* mill-Public Works rigward Progett ta tisbih ta' bankini madwar Malta kollha. Ghalhekk ghandha tinkiteb ittra lill-Ministeru fejn nitolbu f'liema skeda nidhlu bhala Komunita' ta' San Giljan.

**02.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

02.4.01 Il-Kunsillier Mario Amaira ressaq ilment li fil-Pjazza tal Balluta quddiem l-Iscrupples, hemm problema kbira ta drenaġġ u ħerġin ħafna wirdien etc  għalhekk ġie maqbul li jsir *bomb fumigation*.

Ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq il-Baħar l-Iswed il-biċċa li tagħlaq hemm xi residenti li qed joħorġu l-iskart mhux skond l-iskeda u jipparkjaw fejn mhux suppost. Għalhekk ġie deċiż li tintbaghtilom ittra.

Is-Sur Amaira talab spjegazzjoni ta kif jinħarġu l-permessi ta' Xatt is-Sajjieda. Hu issuġġerixxa li dawn l-permessi għandhom jibdew jinħarġu għal perjodu ta' ġimgħa sħiħa umbad jiġġedded. Dan jingħata għal siegħa biex jħott u siegħa biex jerġa' jgħabbi fl-għaxija.

02.4.02 Il-Kunsillier David Caruana talab li  tintbagħat ittra lill-kumpanija tal karozzi tal kiri li qeda Triq Ġorġ Borg Olivier għax qed iħalli l karozzi pparkjati fejn hemm it-tabelli tar-residential parking.

02.4.03 Ġie deċiż li waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tiġi diskussa l-possibbiltà li Triq Diodorus Siculus tiġi *one-way* għalhekk il-

Kunsillier David Caruana għandu jippreżenta mappa ta kif qed jisuggerixxi li jgħaddi t-traffiku.

02.4.04 Ġie deċiż li jsir *railing* fi Triq il-Baltiku fejn hemm it-taraġ li jagħti għal Wied Ghomor Valley, għalhekk għandhom jinġabu l-istimi.

02.4.05 Fir-rigward il-problema tal-bagħal taż-Żunżan ġie deċiż li l-Kunsillier David Caruana jippreżenta lill-Kunsill stima għal apparat sabiex jkun jista' jsib il-bejta tal-bagħal taż-żunżan u b'hekk jinqered.

02.4.06 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri resqet talba sabiex isiru bollards f'Wesghet Agostino Savelli minħabba li xi vetturi qed jitilgħu fuq il-bankina u jkissru l-parapett tar-residenti. Madanakollu ġiet infurmata li bollards ma jistgħux jsiru.

Ġie deċiż li jsir żbir ta' siġar fi Triq Ġorġ Borg Olivier kif taqbeż ic City of London ħdejn il-monument tal-Pritz minħabba li dawn is-siġar kibru ħafna.

02.4.07 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri, staqsiet dwar il-possibilità li ssir *Zebra Crossing* quddiem City of London minħabba li hemm xi nies qed jaqsmu bl-addoċċ madanakollu ġiet nfurmata li ftit il-bogħod hemm waħda u għalhekk mhux possibbli li ssir oħra viċin.

02.4.08 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando, ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li fi Triq Furtu Selvatico hemm daħla u qegħda perikoluża għalhekk ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Pulizija tal-Komunità. Ġie deċiż ukoll li ssir mera fi Triq Ir-Rampa ta' San Ġiljan sabiex jitnaqqsu xi inċidenti iżda qabel għandhom imorru l-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jaraw kif l-aħjar li tiġi installata.

02.4.09 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrnado ressaq ilment li f'The Gardens qed ikun hemm ipparkjati diversi trakkijiet tal-kumpanija tal-couriers bil-lejl għalhekk ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Pulizija tal-Komunità'.

02.4.10 Il-Kunsillier Victor Vella għandu jgħaddi d-dettalji ta scaffolding li jinsab perikoluż sabiex il-Kunsill jkun jista' jressaq ir-rapport lill-Awtorità' ikkonċernata.

02.4.11 Il-Viċi Sindku Sean Gauci nforma lill-Kunsill li ġie avvicinat minn għaqda mhux governattiva fuq l-isports u jixtiequ li ssir laqgħa fuq proposta ghal-*outdoor gym* fi Triq ta Giorni. Il-Viċi Sindku kif ukoll il-Kunsillier David Caruana għandhom jattendu għal din il-laqgħa.

02.4.12 Ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li t-triq li minn San Ġwann tmur is-Swieqi hemm nuqqas ta' dawl. Għalhekk ġie deċiż li din it-talba tintbagħat lill-Kunsill ta San Ġwann kif ukoll lil tas-Swieqi peress li din it-triq tagħmel magħhom.

02.4.13 Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li kull meta tinqata bozza li hi responsabiltà tal-MSD, din għandha tintbagħat mill-ewwel lil MSD u jiġi ordnat Cherry Picker mil-aktar fis possibbli.

**02.5 Approvazzjoni ta sejħa għal Part Time Council Assistant;**

02.5.01 Din il-materja ser tkun diskussa waqt laqgha oħra tal-Kunsill

**02.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

02.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6243 sa 6270 (Ara Appendiċi 'A').

02.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**02.7 Skeda tal-Pagamenti**

02.7.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ippropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B').

02.7.02 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

02.7.03 Il-Kunsillier Patricia Camilleri ssekondatu fl-approvazzjoni.

**02.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

02.8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 6 t'Awwissu 2024 fil-5.00p.m.

02.8.02 Il-laqgħa ntemmet fit- 8.20p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data:**